TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT 4/19/B

Rodney Barbara
Vs
OK Medical Ltd

Illum, 20 ta' Mejju, 2019

It-Tribunal:

Ra l-avviz tar-rikorrenti ipprezentat fl-14 ta' Jannar 2019 li permezz tieghu talab li s-socjeta' intimata tigi kkundannata thallas is-somma ta' sitt mitt Euro (€600) rapprezentanti spiza ghat-tiswija ta' mobility scooter;

Ra illi l-s-socjeta' intimata baqghet ma ntavolatx risposta bil-miktub ghal din it-talba minkejja illi gew debitament notifikati u l-anqas attendiet ghas-seduti quddiem dan it-Tribunal;

Ra l-Atti tal-process;

Semgha ix-xhieda;

Ra d-Dokumenti esebiti;

Ikkunsidra:

Illi mix-xhieda tar-rikorrenti, jirrizulta illi r-rikorrenti u l-familja tieghu xtraw mobility scooter lill-Giulio Barbara, missier ir-rikorrenti li huwa persuna b'Dizabilita u dan minn kif jidher mid-dokument mahrug mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita anness mar-rikors promutur. Illi r-rikorrenti spjega illi wara ftit xhur li nxatar l-mobility scooter dan beda jaghmel hafna storbju u wara ftit metri jahdem jieqaf jiffunzjona. Illi r-rikorrenti spejga illi huwa ghamel kuntatt mas-socjeta' initmata illi gabru l-iscooter sabiex janallizaw il-hsara. Illi jghid li s-socjeta' intimata infurmatu illi l-iscooter kellu hafna hsara u talbet hlas fl-ammont ta' sitt mitt Euro (€ 600) minkejja li l-prodott kien ghadu fil-perojodu tal-garanzjia. Illi huwa kompla jispjega illi s-socjeta' intimata sahqet illi sabet tajn u zrar gol l-iscooter. Illi r-rikorrenti cahad ghal kollox dawn l-allegazzjonijiet u pprezenta zewg ritratti Dok A1 u Dok A2 illi juru l-makkinarju tal-iscooter minghajr ebda **tghajn.** Bl-

intervent tas-CRPD, s-socjeta inimata provdiet scooter alternattiv lill-missier ir-rikorrenti. Illi r-rikorrenti sahaq illi huwa qatt ma gie infurmat ezattament xi hsara kellu l-istess scooter. Illi s-Sur Bugeja xehed illi fil-21 ta' Frar 2019 huwa rcieva telefonata minghand rapprezentant tas-socjeta' intimata illi kien ser jghaddi jigbor l-iscooter alternattiv u li ser jhallilu l-iscooter taghhom li kien gie rrangat. Illi r-rikorrenti xehed illi meta l-iscooter gie delivered dan kien bla charge allura ma setax jippruha quddiem r-rapprezentant tas-socjeta' intimate biss kif dan gie charged l-iscooter rega' ma hadimx bl-istess problemi bil-konsegwenza illi missier r-rikorrenti Guido Barbara spicca minghajr ebda mobilita'.

Illi xehed ukoll Kevin Barbara li ikkonferma illi meta l-iscooter gie ritornat wara li kien gie msewwi mis-socjeta' intimata, dan rega' ma bediex jahdem u ghalhekk ma jistax jintuza'. Spjega ukoll illi huwa ghamel kuntatt mas-socjeta' intimata li infurmawh li t-technician taghhom qalilhom li l-iscooter kien gie rrangat.

Illi t-Tribunal jikkunsidra opportun illi qabel xejn jaghmel referenza ghal Ligi Sussidjara 378.01 'Regoli Dwar It-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumaturi' u ghar-Regola 4.1 u 4.2 li taqra:

> *"4.1. L-intimat ghandu tmintax-il jum biex iwiegeb ghal talba li jibdew ghaddejjin mill-jum meta huwa jigi notifikat bl-Avviz tat- Talba. Jekk l-intimat jonqos milli jwiegeb, ir-rikorrent jista', skond ir-regola 6, jirrikorri lejn it-Tribunal sabiex tinhareg ordni ta' inadempjenza kontra l-intimat.*
>
> *4.2. Meta jkun qed iwiegeb l-intimat g]andu jimla Risposta ghal Talba (Formola 2) skond id-direzzjonijiet moghtija fuq il-formola. Ir-Risposta ghal Talba mbaghad tigi prezentata fir-Registru tat-Tribunal fejn ikun gie l-ewwel prezentat l-Avviz tat-Talba."*

Illi t-Tribunal jikkunsidra illi s-socjeta' intimata naqset milli tipprezenta r-Risposta bil-miktub taghha minkejja illi hija giet debitament notifikata u naqset milli tikkontesta t-talba tar-rikorrenti.

Illi t-Tribunal jikkunsidra illi s-socjeta' intimata kellha obbligu li tinforma lir-rikorrenti dwar il-hsara li kellu l-iscooter u ghaliex kienet qed titlob l-ammont ta' sitt mitt Euro (€ 600) ghall-istess riparazzjoni u mhux tippretendi l-hlas minghajr ma taghti gustifikazzjoni specjalment meta l-istess scooter kien ghadu taht garanzija.

Illi t-Tribunal jikkunsidra illi l-kaz *de quo* jitratta apparat mediku li huwa necessarju sabiex jghin l-mobilita' ta' persuna b'dizabilita'. Illi t-Tribunal ma jistax ma jirrilevax l-attegjament tas-socjeta' initmata illi fil- 21 ta' Frar 2019 cioe' ftit jiem qabel is-seduta tal-25 ta' Frar 2019 quddiem dan it-Tribunal, gabret l-iscooter alternattiv u rritornat scooter li

kien ghadu difettuz bil-konsegwenza illi l-Guido Barbara, missier l-esponenti, spicca' b'mobbilita' limitata.

Illi dan it-Tribunal wara li sema' l-provi kollha u ra d-dokumenti kollha esebiti ma ghandhux dubju illi l-verzjoni tar-rikorrenti hija verosimili u ghalhekk haqqa tigi milqugha.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jaqta u jiddeciedi dan l-avviz, ghar-ragunijiet fuq spjegati, billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lir-rikorrenti s-somma ta' sitt mitt Euro (€600).

Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri kontra s-socjeta' intimata.

Avv. Paul Borg
Arbitru